Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, it-8 ta' Mejju 2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Omar Zammit**
**Spettur Colin Sheldon)**

**Versus**

**Patrick Gatt**
**(338371M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Patrick Gatt** ta' 51 sena, iben Louis u Maria Dolores xebba Tabone imwieled Pieta, nhar 28 ta' Lulju 1971, detentur tal-karta ta identita bin-numru 338371M u residenti fil-fond 14, Pearl Court, Blk A, Fl 5, Triq l-Bajtar, Marsaskala**.**

Akkuzat talli bejn is-17 ta' April 2022 u 28 ta' April 2023, f'hinijiet differenti u f'diversi bnadi f'dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu anke jekk fi zminijiet differenti, liema atti jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u liema atti gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1) Bl-imgieba tieghu kkaguna lil Amanda Alberta Gatt, (l-konjuga tieghu), u/jew lil Anthea Gatt u/jew lil Mevric Gatt u/jew lil Emerson Gatt, (dixxendenti tieghu) biza li se tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta taghhom jew kontra l-persuna jew l-propjeta ta' xi had mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) u dan bi ksur tal-artikoli 251B; 251HA; 202; u 18 tal-Kodici Kriminali ta' Malta.

2) Gab ruhu b'mod li ta fastidju lil Amanda Alberta Gatt jew gab ruhu b'mod li kien jaf jew li missu kien jaf li dan kien ta' fastidju ghal Amanda Alberta Gatt

u dan bi ksur ta’ artikoli 251A(1)(a); 251A(1)(b); 251HA; 202; u 18 tal-Kodici Kriminali ta’ Malta.

3) U aktar talli fl-istess zmien, hin, post u cirkostanzi, ingurja, dejjaq jew ghamel hsara lil Amanda Alberta Gatt kemm il darba l-fatt ma jaqax that xi dispozizzjoni tal-Kodici Kriminali u dan bi ksur ta’ artikoli 339(1)(d) tal-Kodici Kriminali

4) U aktar talli fl-istess zmien, hin, post u cirkostanzi, ghamel ingurji u theddid mhux imsemmija band’ohra fil-kodici Kriminali lil Amanda Alberta Gatt u/jew Emerson Gatt, jew jekk kien provokat, ingurja b’mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni u dan bi ksur ta’ artikolu 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali ta’ Malta.

5) U aktar talli fl-istess zmien, hin, post u cirkostanzi, permezz ta xi network jew apparat ta’ komunikazzjoni elettroniku, hedded li jaghmel reat jew ghamel uzu mhux xieraq bih u dan bi ksur ta’ artikoli 49(a) u (c) ta’ Kapitlu 399 ta’ Malta.

U aktar talli nhar l-20 ta’ Lulju 2022 ghall-habta ta 20:45hrs gewwa l-fond 14, Pearl Court, Blk A, Flt 5, Triq il-Bajtar, Marsaskala

6) Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ Amanda Alberta Gatt, (konjuga tieghu), f’periklu car, kkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta’ l-istess Amanda Alberta Gatt u cioe ferita ta’ natura hafifa kif ccertifikat minn Dr. RM Spiteri Med Reg 2535 u Dr Daniel Fenech Med Reg 4043 u dan bi ksur ta’ artikoli 214; 221(1); 221(3); 222(1)(a); 202(h) tal-Kodici Kriminali ta’ Malta,

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba li tohrog ordni ta’ protezzjoni, inkluza fil-mori tal-kawza kontra Patrick Gatt ghall-beneficcju ta’ Amanda Alberta Gatt u Emerson Gatt, dan ai termini ta’ artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghas-sigurta ta’ Amanda Alberta Gatt u Emerson Gatt u f’kaz ta’ htija ma kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f’kaz ta’ htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba li jekk jidhrilha xieraq tordna ordni ta’ trattament u dan ai termini ta’ artikolu 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu fis-seduta tat-30 t'April 2023.

Semghet it-sottomissjonijiet tal-partijiet fuq il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tieghu tenna li huwa hati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Illi l-imputat rega' tenna ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lil imputat hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

**Ikkunsidrat**

L-ammissjoni bikrijja ta' l-imputat, kif ukoll illi l-partijiet qablu illi fil-kaz odjern ma' tkunx idonea piena karcerarja.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat Artikolu 7, 18, 31, 202(h)(i)(iii), 214, 221(1)(3), 222(1)(a), 251A(1)(a)(b)(4), 251B(l), 251HA u 339(l)(d)(e) tal-Kapitolu 9 kif ukoll Artikolu 49(a)(c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lil imputat **Patrick Gatt hati** ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih, u tordna li ai termini ta' **Artikolu 7 tal-Kapitolu 446** tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat jitqieghed taht **Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin millum**, b'dan illi qegħda tordna li l-ħati jitqiegħed taħt is-

sorveljanza t'Uffiċjal tal-Probation indikat lilu mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole, liema ordnijiet huma soġġetti għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess u anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Ai termini ta' l-**Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446** tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti fissret lil hati **Patrick Gatt** bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-Ordni ta' Probation u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza, u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet, u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu ta' l-Ordni ta' Probation, jista' jinghata sentenza ghar-reati li taghhom nstab hati b'din is-sentenza.

In oltre l-Qorti qeghda tqieghed lil hati **Patrick Gatt** taht Ordni ta' Trattament ai termini tal-**Artikolu 412D** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex jinghata l-ghajnuna psikjattrika u psikologika necessarja kif ukoll kull ghajnuna ohra li jistgha jkollu bzonn l-imputat, hekk kif jistgha jigi rakkomandat mill-Probation Officer, bl-intervent ta' Professjonisti varji, b'liema ordni qieghed isir ghal perjodu ta' **tlett (3) snin** u li hija soggetta għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess u anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Ai termini ta' l-**Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446** tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-Ordni ta' Probation u l-Ordni ta' Trattament moghtija b'Digriet ta' llum stess, ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja Ufficjal tal-Probation illi jkun responsabbli ghas-sorveljanza tal-hati Patrick Gatt. L-Uffiċjal sorveljanti assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lil Qorti kompetenti bil-progress tal-ħati kull **sitt (6) xhur.**

Inoltre ai termini ta' l-**Artikolu 412C tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti qed torbot lil hati **Patrick Gatt b'Ordni ta' Protezzjoni** ghal zmien **tlett (3) snin** millum ghall-**protezzjoni ta' Amanda Alberta Gatt, Anthea Gatt, Mevric Gatt u Emerson Gatt**. Il-Qorti fissret lil hati bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-Ordni ta' Protezzjoni u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Dwar it-talba tal-prosekuzzjoni, sabiex din il-Qorti taghti garanzija fil-konfront tal-*parte civile*, **Amanda Alberta Gatt, Anthea Gatt, Mevric Gatt**

**u Emerson Gatt ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,** fic-cirkostanzi din il-Qorti thoss li tali talba hija gustifikata u qeda torbot lil imputat **Patrick Gatt** b'garanzija personali ta' **elfejn Euro (€2,000) ghal zmien sena mill-llum** u dan billi ma' jimmolestax, ma' jddejjaqx u ma' jingurjax lil *parte civile* **Amanda Alberta Gatt, Anthea Gatt, Mevric Gatt u Emerson Gatt.**

Il-Qorti spjegat l-import ta' din is-sentenza lil hati u x'jigri jekk huwa ma joqghodx ghall-kundizzjonijiet tal-Ordni ta' Probation u/jew l-Ordni ta' Trattament, u/jew l-Ordni ta' Protezzjoni u/jew il-Garanzija Personali, jew jekk jikkommetti reat iehor fi zmien **tlett (3) snin** millum.

Illi rigward it-talba **ai termini ta' l-Artikolu 533** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, m'hemmx spejjez x'jithallsu mill-imputat fil-kaz odjern.

Tordna notifika ta' din is-sentenza u d-digrieti annessi lil Kummissarju tal-Pulizija u lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation and Parole.

Ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien m'aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
Magistrat